# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 541/97

John Mary Zahra
vs
Ministru tas-Sahha u Chief Government Medical Officer

Illum 14 ta' Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fit-23 ta' Ottubru 1987, ir-rikorrenti sofra pregudizzju u ngustizzja konsistenti fil-fatt illi gie ngustament trasferit.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita' taghhom, kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrent kien jippresta s-servizzi tieghu bhala Motor Transport Driver (MTD) mad-Dipartiment tas-Sahha.

Illi ftit wara li saret il-bidla Amministrattiva fil-pajjiz, u cioe' fit-23 ta' Ottubru 1987, r-rikorrent gie ordnat sabiex jibda jirraporta ghax-xoghol fil-garage tal-Gvern gewwa Hal Kirkop.

Illi permezz ta' dan it-transfer ingust u minghajr raguni, r-rikorrenti gie li ftit li xejn jaghti kontribut fuq il-post tax-xoghol stante illi ma kellu xejn x'jaqsam ma' l-esperjenza li kien akkwista tul ghaxar snin bhala xufier u din is-sitwazzjoni kienet kawza ta' hafna anzjeta u stress mentali.

Illi t-transfer soffert kien wiehed ingust u minghajr raguni valida huwa rifless mill-fatt illi minn intbghat flok ir-rikorrenti ma kellu l-ebda esperjenza bhala xufier tant illi l-kariga precedenti tieghu kienet dik ta' Porter.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi (1) jigi dikjarat illi r-rikorrenti sofra ngustizzja meta

ghall xejn b'xejn gie trasferit fil-garage tal-Gvern gewwa Hal Kirkop (2) illi huwa ghandu jigi moghti lura l-impjieg li huwa kien jokkupa ta' Motor Transport Driver mad-Dipartiment tas-Sahha (3) jigi kumpensat fl-ammont ta' hames t'elef lira Maltija (Lm 5,000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzja li huwa sofra.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Ministru tas-Sahha u Chief Goverment Medical Officer li eccepew:-

Illi rigward it-transfer li nghata John Mary Zahra dan sar skond l-esigenzi tas-Servizz kif ampjament indikat fl-appointment tieghu stess.

Illi ma tezesti l-ebda obligazzjoni da parti tad-Dipartiment tas-Sahha li tinghata spjegazzjoni lill-persuna koncernata meta din tinghata transfer stante illi dan isir skond kif ikunu jirrikjedu ic-cirkostanzi dak inhar li jinghata t-transfer.

Ghaldaqstant l-intimati fil-waqt li gabu s-suespost a formali konjizzjoni tar-rikorrent John Mary Zahra, talbu lill-dan it-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif dedotti fir-rikors fuq imsemmi stante li l-pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li beda fl-impjieg tieghu mal-Gvern cirka 1978 u beda mad-Dipartiment tas-Sahha. L-inkariku li kien mghoti kien dak ta' xufier, responsabbli minn nurses u cioe' dawk li jahdmu fid-djar. Dawn huma nurses li jmorru fil-komunita' u jamministraw dawk l-injezzjonijiet li jkunu necessarji skond kif ikun preskritt. Zied li dejjem ghamel xogholu sewwa u qatt ma kellu rapporti hziena. Eventwalment f'Mejju fl-1987 kien gie moghoti transfer u mibghut fil-garage tal-Gvern gewwa Hal Kirkop, hekk kif grat il-bidla fl-amministrazzjoni.

Il-garage tal-Gvern ta' Hal Kirkop jaqa' taht id-Dipartiment tal-Public Works. Semma lil certu Joe Brincat, li ghalkemm kien porter kien jaghmel xoghol ta' xufier, lil dan ma nehhewhx.
Meta nehhew lir-rikorrent, postu ma baqax vojt izda gie mimli b'impjegat iehor. Sostna li dan it-trasferiment kien gie mghoti lilu b'mod kapricuz u minghajr ebda raguni valida.

Konsegwenza ta' dan it-transfer ir-rikorrent u l-familja tieghu batew diffikultajiet finanzjarji minhabba li tilef allowances u xoghol extra fil-Hdud u festi.

Xehed Mario Farrugia li semma li kien jahdem mar-rikorrent fil-garaxx ta' l-ambulanzi mal-Community Nurses. L-ahhar li hadmu flimkien kien ghall-habta ta' l-1987. Kif saret il-bidla fil-Gvern fl-1987 ma baqghux jahdmu flimkien. Jaf li r-rikorrent kien intbaghat il-garaxx ta' Hal Kirkop. Qabel Mejju ta' l-1987 ix-xhud kien driver u r-rikorrent kien driver ukoll. Hu kien trasferit ukoll wara Mejju 1987. Qatt ma kien semgha tgergir minhabba x-xoghol dwar ir-rikorrent. U ma jaf bl-ebda raguni ghat-trasferiment li nghataw kemm hu u kemm ir-rikorrent. Assuma li jista' jkun minhabba l-kulur politiku. Semma li meta nghataw t-trasferiment, kien mar haddiehor minflokhom. Xehed li kien hemm min ma kellux il-grad ta' driver minn dawk li marru flokhom minn meta nghataw t-transfer.

Manwel Aquilina xehed li kien jahdem mar-rikorrent meta kienu l-garaxx ta' l-ambulanzi. Kienu fl-istess grad jigifieri fil-grad ta' driver u l-ahhar li hadmu flimkien kien ghall-habta ta' l-1987. Qatt ma sema complaints fuq ix-xoghol rigward tar-rikorrent. Assumi li r-raguni tat-trasferiment kien il-kulur politiku. Semma li meta nghata it-transfer hu mil-garaxx ta' l-ambulanzi ntbaghtt Hal Kirkop u minfloku fil-garaxx ta' l-ambulanzi kien ntbaghat certu Joe Fenech. Ma kienx jaf b'xi raguni ghalfejn ir-rikorrent kellu jigi trasferit mill-garaxx ta' l-ambulanzi

Ikkunsidra li f'din il-kawza saret referenza u hemm kopja tax-xhida tal-kawzi "Mario Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern" [rikors 11/97], u Emmanuel Aquilina vs vs Tabib Principali tal-Gvern" [rikors 12/97] u "George Edwards vs Dipartiment tas-Sahha" [rikors 487/97]. Illi l-kaz odjern hu identiku ghal dawn

il-kazijiet u hu aktar prattiku li tigi riprodotta parti mis-sentenza tal-kawza "Mario Farrugia vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza fl-20 ta' April, 1998 fejn intqal:

"Joseph Picco u John Mifsud drivers ohra ikkonfermaw dan.

Xehed Saviour Lautier u qal: "Nikkonferma li mir-records tad-dipartiment tas-sahha n-numru ta` xufiera li gew trasferiti mill-garaxx tal-ambulanzi ghall-postijiet ohra u vici versa bejn Gunju 1987 u Dicembru 1988 kien kif jidher fid-dokument "XD" li qed nesebixxi. L-allowance ta` driver ta` l-ambulanza llum il-gurnata telghet ghal LM105 fix-xahar. Qed nesebixxi wkoll id-dokument "XDD" li fih jindika sena b` sena l-ammont li kien hemm allowance matul is-sena kollha kif ukoll ir-raguni ta` kif kien ibbazat u ghalhekk l-ammont biex jinqasam ghax-xahar jigi diviz bejn 12 halli tohrog kull xahar kemm hi x-shift allowance u infatti a bazi ta` dan hdimt li l-ahhar ammont ta` LM960 u LM182 meta tghoddohom flimkien u tidividihom bi 12 jigi l-ammont ghal kemm zdied illum il-gurnata. Dawn huma r-rati li japplikaw ghal ambulance drivers. Mistoqsi dwar id-drivers tal-komunita` nirrispondi li rrid naghmel verifiki u nirrispondi fis-seduta li jmiss.[1]"

Esebixxa lista ta' transfers mill-garage ta' l-ambulanzi u ghall-garage ta' l-ambulanzi, kif ukoll lista bl-ismijiet ta' drivers trasferiti mill-garage ta' l-ambulanzi bejn Gunju

[1] Fol 28

1997 u Dicembru 1988. Esebixxa wkoll lista ta' nies li ntbaghtu l-garaxx ta' l-ambulanzi biex isuqu, il-grad taghhom u minn fejn gew. Zied li: "Ghalhekk fuq domanda li qed issirli dwar per ezempju Michael Mifsud li qieghed fuq dokument 'ABY ' li kellu rank ta` health attentdant B li gej mill-public cleansing section kien qieghed jaghmel xoghol ta` driving duties u nikkonferma dan. Huwa veru li ma setghux jaghmlu x-xoghol ta` MT Drivers nies bhar-rikorrent fis-sens li nies bhal Michael Mifsud intbaghatu hemmhekk biex isuqu. Nies bhal Michael Mifsud jekk kienx qed jiehu l-beneficcju ta` Hdud u festi, shift allowance u allowances ohra nirrispondi li iva, allavolja hu kien health attendant."

Mill-ezami tad-dokumenti ezibiti jirrizulta li hafna persuni li gew trasferiti ghall-garage ta' l-ambulanzi ma kienux drivers izda Hospital Auxiliaries, Technical Officers, Boiler Attendant, Skilled Labourer, Watchman u hadu post nies li kienu drivers. Dan it-Tribunal certament ihoss li saret ingustizzja ma' min kien driver u gie sostitwit bhala driver minn persuni li kienu fil-kategoriji imsemmija hawn fuq.

Ukoll dan it-Tribunal gja kellu l-okkazzjoni fejn jghid li transfer ma ghandux isir jekk ma jkunx hemm ragunijiet validi ghalih u certament ma ghandux isir minghajr certu formalitajiet. Ihoss li d-dinjita' umana ta' impjegat titlob li transfer isir bil-miktub u fuq firma ta' kap ta' Dipartiment u li fih ikun hemm indikati l-motivi ghala sar it-transfer. Dan

inaqqas il-possibilta' li transfer jinghata minghajr ma jkun gustifikat.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-intimat li t-transfer sar skond it-terms of appointment, l-esigenza tas-servizz u l-mobilita' ta' l-impjegat pubbliku. Dawn veru li huma principji stabbiliti u li jintitolaw lill-Gvern li jaghmel it-transfers necessarji, izda tali transfers iridu jsiru skond il-procedura korretta u li jkunu verament gustifikati mill-esigenzi tas-servizz u mhux li jitbaghat jaghmel xoghol ta' driver min mhuwiex driver u dak li hu driver ingustament jitlef l-allowances li kien intitolat ghalihom."

Ghal l-istess motivi issib it-talba tar-rikorrent gustifikata u wara li t-Tribunal qis il-fatturi kollha jirrikmanda hlas ta' kumpens lir-rikorrent ta' tlett telef lira maltija [LM3000]. Spejjez kontra l-intimat.